Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,980, 23 ta' Diċembru, 2022
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXV tal-2022

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023, u jirregola l-prattikant fl-insolvenza, u jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew inċidentali jew konnessi ma' dan.

ACT No. XXV of 2022

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the transposition of Directive (EU) 2019/1023, and to regulate the insolvency practitioner, and to make provision for matters ancillary or incidental thereto or connected therewith.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

23 ta' Diċembru, 2022

ATT Nru XXV tal-2022

ATT sabiex jipprovdi għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1023, u jirregola l-prattikant fl-insolvenza, u jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew inċidentali jew konnessi ma' dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I
Dispożizzjonijiet preliminari

Titolu fil-qosor u għan.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza.

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa sabiex jipprovdi qafas modern li jsaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tal-qafas leġiżlattiv eżistenti dwar l-insolvenza billi jiġu rregolati l-attivitajiet tal-prattikanti fl-insolvenza, u sabiex parzjalment jittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza).

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx

xort'oħra:

L.S. 595.27.

"awtorità kompetenti" tfisser is-Servizz ta' Insolvenza u Riċevitur fi ħdan ir-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta stabbilit bl-Ordni li jistabbilixxi r-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta bħala Aġenzija;

"ditta rreġistrata" tfisser entità, irrispettivament mill-forma legali tagħha, iffurmata skont l-artikolu 6 u kwalunkwe impriża konnessa;

"ġurisdizzjoni rikonoxxuta" tfisser stat li huwa membru tal-Unjoni Ewropea jew Stat taż-ŻEE, jew kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra approvata b'avviż tal-Ministru minn żmien għal żmien għall-fini ta' din it-tifsira;

"impriża konnessa" tfisser impriża li tkun effettivament ġestita jew promossa bħala prattika waħda mad-ditta rreġistrata jew bħala impriża relatata tad-ditta rreġistrata;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta;

"prattikant fl-insolvenza" tfisser persuna li hija awtorizzata mill-awtorità kompetenti biex twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2);

"prinċipal" tfisser kull membru tal-korp amministrattiv jew maniġerjali ta' ditta rreġistrata, u għandha tinkludi kwalunkwe persuna li hi awtorizzata li tirrappreżenta d-ditta rreġistrata għal kwalunkwe skop ġudizzjarju jew legali, u kwalunkwe persuna li hi responsabbli biex tidderiġi t-twettiq ta' kwalunkwe inkarigu li jsir mid-ditta rreġistrata;

"Stat taż-ŻEE" tfisser stat li hu parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Porto fit-2 ta' Mejju 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu 1993, u kif emendat bi kwalunkwe Att sussegwenti;

Kap. 490.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

TAQSIMA II
Awtorizzazzjoni biex Taġixxi bħala Prattikant fl-Insolvenza

Eliġibbiltà għall-awtorizzazzjoni biex wieħed jaġixxi bħala prattikant fl-insolvenza.

3. (1) L-ebda persuna ma għandha teżerċita l-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4, jew iżżomm lilha nnifisha bħala disponibbli biex taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza, jekk ma tkunx debitament awtorizzata mill-awtorità kompetenti.

(2) Persuna ma għandhiex tikkwalifika għal awtorizzazzjoni skont l-artikolu 4 jekk din il-persuna:

(a) ma tkunx awtorizzata li teżerċita l-professjoni ta' avukat, accountant jew awditur, kemm f'Malta jew f'ġurisdizzjoni rikonoxxuta oħra, jew ikollha kwalifika oħra bħal dik li l-awtorità kompetenti tista', b'direttiva, tippreskrivi bħala suffiċjenti:

Iżda l-ħruġ ta' awtorizzazzjoni biex taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza skont dan l-Att ma għandux, minnu nnifsu, jintitola lil din il-persuna biex twettaq il-funzjonijiet ta' avukat, accountant jew awditur, kemm f'Malta jew f'ġurisdizzjoni rikonoxxuta oħra, fejn il-persuna ma tkunx xort'oħra awtorizzata;

(b) ma tkunx issodisfat lill-awtorità kompetenti li għandha biżżejjed kompetenza fl-oqsma tal-għarfien espert pertinenti għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza, kif, minn żmien għal żmien, jista' jiġi aktar definit fid-direttivi magħmula mill-awtorità kompetenti skont dan l-Att;

(ċ) ma tkunx issodisfat lill-awtorità kompetenti li hi kompetenti u kwalifikata biex twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza, u li ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni preċedenti mogħtija taħt l-Att irtirata minħabba kondotta ħażina; u

(d) ma tkunx issodisfat dawk il-kriterji jew ir-rekwiżiti addizzjonali l-oħra li, minn żmien għal żmien, jistgħu jiġu aktar previsti minn kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħt dan l-Att.

(3) Persuna ma għandhiex tikkwalifika għal awtorizzazzjoni skont l-artikolu 4 fejn:

(a) hi interdettata jew inabilitata jew hi falluta li ma ġietx rijabilitata;

(b) tkun instabet ħatja ta' kwalunkwe reat li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew li konxjament tirċievi beni miksuba permezz ta' serq jew frodi;

(ċ) hi minorenni li ma ġietx emanċipata; jew

(d) hi soġġetta għal ordni ta' skwalifika skont l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Kap. 386.

(4) Kwalunkwe persuna li, bil-għan li tikseb awtorizzazzjoni skont dan l-Att, tagħti kwalunkwe informazzjoni falza jew xort'oħra taġixxi b'qerq jew bi frodi, għandha tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja, għandha teħel għal kull reat multa li ma teċċedix tnax-il elf euro (€12,000) jew għal priġunerija ta' mhux aktar minn tnax (12)-il xahar jew kemm għal tali multa u priġunerija.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, kwalunkwe persuna li twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza mingħajr ma tkun awtorizzata tagħmel dan skont dan l-Att, jew li tipproġetta lilha nnifisha lil terzi persuni bħala persuna li hi awtorizzata li taġixxi bħala prattikant fl-insolvenza meta ma tkunx awtorizzata, meta tinstab ħatja, għandha teħel għal kull reat multa li ma teċċedix ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew għal priġunerija ta' mhux inqas minn sentejn (2) u mhux aktar minn ħames (5) snin, jew kemm għal tali multa u priġunerija.

Awtorizzazzjoni biex wieħed jaġixxi bħala prattikant fl-insolvenza.

4. (1) Awtorizzazzjoni biex jiġu eżerċitati l-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti wara applikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li, fil-fehma tal-awtorità kompetenti, tkun issodisfat ir-rekwiżiti tal-artikolu 3 u kondizzjonijiet oħra li l-awtorità kompetenti tista', permezz ta' direttiva, tippreskrivi.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti għandha tintitola lill-prattikant fl-insolvenza li:

Att Nru XXIVtal-2022.

(a) jaġixxi bħala prattikant fl-insolvenza għall-finijiet tal-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza;

Kap. 13.

(b) jaġixxi bħala trustee tal-falliment għall-finijiet tat-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

(ċ) jaġixxi bħala likwidatur, kontrollur speċjali, amministratur, amministratur proviżorju, jew manager speċjali fit-termini tal-Att dwar il-Kumpaniji; u

Kap. 386.

(d) iwettaq kwalunkwe funzjoni oħra li teħtieġ il-kompetenza ta' prattikant fl-insolvenza kif jista' jkun previst minn kwalunkwe liġi oħra, jew kif l-awtorità kompetenti tista', permezz ta' direttiva, tippreskrivi.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tipprovdi għal kategoriji differenti ta' awtorizzazzjonijiet. L-awtorità kompetenti tista' wkoll, fid-diskrezzjoni tagħha, tillimita l-provvista tas-servizzi minn prattikanti fl-insolvenza għal kategorija waħda (1) jew aktar biss.

(4) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti biex jiżgura li kwalunkwe funzjoni mwettqa mill-prattikant fl-insolvenza skont is-subartikolu (2)(ċ) tkun soġġetta għal sorveljanza, superviżjoni u regolamentazzjoni li tal-inqas tkun proporzjonata mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-Att, persuna ma għandhiex titqies li qed teżerċita l-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza fejn tali persuna tkun qed taġixxi bħala l-impjegata jew l-assistenta ta' prattikant fl-insolvenza u ma tieħu l-ebda deċiżjoni materjali mingħajr id-direzzjoni espressa tal-prattikant fl-insolvenza:

Iżda tali persuna ma tistax tipproġetta lilha nnifisha bħala prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 5.

Denominazzjoni ta' prattikant fl-insolvenza.

5. (1) Prattikant fl-insolvenza għandu jkun intitolat li juża d-denominazzjoni "prattikant fl-insolvenza" u l-abbrevjazzjoni "PI".

(2) Kwalunkwe persuna li tassumi t-titolu jew id-denominazzjoni ta' "prattikant fl-insolvenza" jew l-abbrevjazzjoni tiegħu "PI" minkejja li mhijiex prattikant fl-insolvenza, jew li bi kwalunkwe mod ieħor tindika b'mod falz l-intitolament li teżerċita l-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza f'Malta, għandha tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja għandha teħel għal kull reat multa li ma teċċedix l-elfejn u t-tliet mitt euro (€2,300) u fir-rigward tat-tieni jew ta' reat sussegwenti għal priġunerija ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur jew kemm għal tali multa u priġunerija:

Iżda l-użu fuq kwalunkwe biljett, ittra, sinjal, bord, pjanċa, jew apparat, strument jew dokument ieħor miktub, stampat jew imnaqqax, tal-kliem "prattikant fl-insolvenza" jew l-abbrevjazzjoni "PI", kemm fil-forma singulari jew fil-plural, fir-rigward ta' isem, għandu jkun prova biżżejjed tal-għarfien ta' dan l-użu mill-persuna li fir-rigward ta' isimha jintużaw il-kliem jew l-abbrevjazzjonijiet imsemmija, jekk tali persuna ma tressaqx prova li l-użu sar mingħajr l-għarfien tagħha u li, hekk kif saret taf b'tali użu, ħadet passi adegwati biex twaqqafha.

Ditti rreġistrati.

6. (1) Kwalunkwe entità li turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li hija kapaċi tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Att, għandha tkun intitolata li tiġi rreġistrata mal-awtorità kompetenti bħala ditta rreġistrata u, soġġetta għall-konformità f'kull ħin mar-rekwiżiti ta' dan l-Att għandha, mar-reġistrazzjoni, tkun awtorizzata li twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2):

Iżda li l-awtorità kompetenti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tipprovdi għal kategoriji differenti ta' awtorizzazzjonijiet. L-awtorità

kompetenti tista' ukoll, fid-diskrezzjoni tagħha, tillimita l-provvista tas-servizzi minn prattikanti fl-insolvenza għal kategorija waħda (1) jew aktar biss.

(2) Ir-responsabbiltà għat-twettiq ta' kwalunkwe att jew funzjoni msemmija fl-artikolu 4(2) minn ditta rreġistrata, għandha, f'kull ħin, tiġi assunta minn tal-inqas prinċipal wieħed (1), li jkun prattikant fl-insolvenza, li għandu jkun il-persuna li taħt l-istruzzjoni tagħha għandha titwettaq dik l-att jew il-funzjoni. Hekk kif jassumi din ir-responsabbiltà, prinċipal jew prattikant fl-insolvenza, għandu jsir, u jibqa' dejjem obbligat *in solidum* mad-ditta rreġistrata għal kwalunkwe att jew funzjoni mwettqa mid-ditta rreġistrata jew minn kwalunkwe uffiċjal, prinċipal, aġent, jew impjegat tagħha:

Iżda, fejn aktar minn prinċipal jew prattikant wieħed (1) fl-insolvenza jkun assuma l-imsemmija responsabbiltà, dawn il-persuni għandhom ikunu obbligati *in solidum*:

Iżda wkoll li d-ditta rreġistrata għandha, mingħajr l-ebda dewmien, tagħti lill-awtorità kompetenti dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ jew kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa skont dan l-Att, jew kwalunkwe liġi oħra rigward il-prattikant fl-insolvenza jew il-prattikanti fl-insolvenza li huma responsabbli għal kwalunkwe att jew funzjoni mwettqa minn ditta rreġistrata skont l-artikolu 4(2).

(3) Ditta rreġistrata tista' tipproġetta lilha nnifisha bħala ditta rreġistrata fi, jew flimkien ma', isimha, skont il-każ.

(4) Mar-reġistrazzjoni tad-ditta rreġistrata skont dan l-artikolu, il-prinċipali għandhom, sakemm id-ditta rreġistrata tkun reġistrata, ikunu awtorizzati li jaġixxu f'isem u għan-nom tad-ditta rreġistrata.

Denominazzjoni ta' ditti rreġistrati.

7. (1) Ditta rreġistrata għandha tkun intitolata li tuża d-denominazzjoni ta' "prattikanti fl-insolvenza" u l-abbrevjazzjoni "PIs".

(2) Kwalunkwe entità li tagħmel użu mid-denominazzjoni ta' "prattikanti fl-insolvenza" jew l-abbrevjazzjoni tagħha "PIs", fir-rigward ta' ditta jew entità li mhijiex irreġistrata skont l-artikolu 6 jew li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 6, jew li xjentement tagħmel użu minn isem li jimplika b'mod falz l-eżistenza ta' ditta rreġistrata, jew li tagħmel kwalunkwe att ieħor bl-intenzjoni li toħloq il-konvinzjoni li kwalunkwe wieħed mill-fatti msemmija hawn fuq jeżisti meta fil-fatt ma jkunx, għandha tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja għandha teħel għal kull reat, fir-rigward tal-ewwel reat multa li ma teċċedix l-elfejn u l-ħames mitt euro (€2,500), u fir-rigward tat-tieni

jew reat sussegwenti għal multa li ma teċċedix it-tnax-il elf euro (€12,000) jew għal priġunerija għal mhux aktar minn tliet (3) xhur jew kemm għal tali priġunerija u multa, u fil-każ ta' reat kontinwu għal multa addizzjonali li ma teċċedix il-mitejn u ħamsin euro (€250) għal kull jum li matulu r-reat ikompli:

Iżda l-użu fuq kwalunkwe karta, ittra, sinjal, bord, pjanċa, reklam jew apparat, strument jew dokument ieħor bil-miktub, stampat jew imnaqqax, tal-kliem "prattikanti fl-insolvenza" jew l-abbrevjazzjoni "PIs", kemm fil-forma singulari jew plurali, fir-rigward ta' isem, għandu jkun prova biżżejjed tal-għarfien ta' tali użu mill-persuna li fir-rigward ta' isimha jintużaw il-kliem jew l-abbrevjazzjonijiet imsemmija, jekk tali persuna ma tressaqx prova li l-użu sar mingħajr l-għarfien tagħha u li, hekk kif saret taf bl-użu, ħadet passi adegwati biex twaqqafha.

TAQSIMA III
L-Awtorità Kompetenti

L-awtorità kompetenti.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandu jkollha r-responsabbiltà u s-setgħa li tirregola l-attivitajiet tal-prattikant fl-insolvenza u d-ditti rreġistrati fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 4(2). L-awtorità kompetenti tista' ukoll taħtar kumitati, li l-president tagħhom għandu jkun membru tal-awtorità kompetenti, u b'hekk tistabbilixxi l-mandat u r-remunerazzjoni tagħhom, u għandha xort'oħra tassumi l-kompetenza għal funzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati minn dan l-Att, jew kif jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien b'avviż tal-Ministru.

(2) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att, l-awtorità kompetenti:

(a) għandha tagħmel ir-regoli tagħha stess u tirregola l-proċedura tagħha stess xort'oħra; u

(b) għandha tagħmel użu minn dawk il-fondi li l-Ministru jew ir-Reġistru Kummerċjali ta' Malta jistgħu minn żmien għal żmien iqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha, kif ukoll dawk il-fondi li tista' tiġbor minn kwalunkwe penalitajiet amministrattivi, jew li tiġbor bħala tariffi jew xort'oħra taħt regolamenti magħmula taħt dan l-Att.

Funzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

9. (1) L-awtorità kompetenti għandha tirregola l-attivitajiet tal-prattikanti fl-insolvenza u tad-ditti rreġistrati fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 4(2), u għandu jkollha wkoll il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tikkunsidra applikazzjonijiet għall-ħruġ ta'

awtorizzazzjonijiet skont l-artikolu 4 u reġistrazzjonijiet skont l-artikolu 6;

(b) li tissorvelja u tirregola l-imġiba tal-prattikanti fl-insolvenza u tad-ditti rreġistrati fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 4(2), u li tistabbilixxi mekkaniżmi u proċeduri xierqa li l-awtorità kompetenti tista' tqis li jwasslu għas-sorveljanza u r-regolamentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-attivitajiet tagħhom;

(ċ) li tikkollabora mal-Kumitat tal-Istudji Ġudizzjarji jew kwalunkwe korp ieħor responsabbli għat-taħriġ tal-membri tal-awtoritajiet ġudizzjarji biex tiżgura li l-membri tal-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli għall-aġġudikazzjoni ta' kwistjonijiet fir-rigward ta' dawk il-funzjonijiet imniżżla fl-artikolu 4(2), jirċievu taħriġ xieraq;

(d) li tiżgura li l-prattikanti fl-insolvenza jirċievu, u jkunu mġiegħla jattendu, taħriġ xieraq fuq bażi kontinwa li għandu jwassal għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas mill-prattikant fl-insolvenza li jikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit kif jista' jiġi preskritt mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien f'dan ir-rigward, l-awtorità kompetenti għandha timponi kwalunkwe penalitajiet amministrattivi, miżuri oħra, jew tieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri skont l-artikoli 18 jew 19 kif l-awtorità kompetenti tqis xieraq;

(e) li tippubblika regoli supplimentari li jirregolaw il-mod kif jiġu remunerati l-prattikanti fl-insolvenza u ditti rreġistrati inkonnessjoni mal-prestazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 4(2), jekk u kif l-awtorità kompetenti tqis ikun meħtieġ;

(f) li tiżviluppa, tippubblika, iżżomm, jew tadotta kodiċi ta' prattika li jipprovdi gwida dwar il-kondotta meħtieġa ta' prattikanti fl-insolvenza fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont l-artikolu 4(2) u l-aderenza tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jekk u kif l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa;

(ġ) li tibda u twettaq investigazzjonijiet, kif u meta meħtieġa, fir-rigward tal-konformità ta' prattikanti fl-insolvenza u ditti rreġistrati mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(h) li tindirizza każijiet ta' kondotta professjonali ħażina u proċedimenti dixxiplinarji oħra fir-rigward ta' prattikanti fl-insolvenza jew ditti rreġistrati li, b'att jew ommissjoni, jiksru d-

dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu, jew kwalunkwe regoli li l-awtorità kompetenti tadotta permezz ta' direttiva, inklużi r-regoli li jinsabu fil-kodiċi ta' kondotta ppubblikat;

(i) li tiddistribwixxi u xxerred għarfien lill-pubbliku dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-prattikant fl-insolvenza u tad-ditti rreġistrati u l-għażliet disponibbli għad-debituri f'diffikultà finanzjarja, u kwalunkwe kwistjoni oħra li l-awtorità kompetenti tista' tqis relevanti;

(j) li tieħu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu raġonevolment meħtieġa biex tipproteġi l-interess pubbliku u l-integrità tar-rwol tal-prattikanti fl-insolvenza, inkluż it-tqegħid ta' restrizzjonijiet, l-impożizzjoni ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri simili oħra fuq il-prattikanti fl-insolvenza u d-ditti rreġistrati, jew fuq kwalunkwe persuna li tipproġetta lilha nnifisha bħala prattikant fl-insolvenza, jew fuq kwalunkwe persuna li twettaq tali funzjonijiet kemm wara awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti jew le, li sakemm ma jkunx iddikjarat xort'oħra f'dan l-Att ma għandhomx jeċċedu, għal kull inċident individwali, tnax-il elf euro (€12,000) għal prattikant fl-insolvenza jew tnax-il elf euro (€12,000) għal ditta rreġistrata, u, barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tista' wkoll timponi penalitajiet amministrattivi ta' kuljum, li ma jeċċedux mija u ħamsin euro (€150) kuljum, fuq prattikanti fl-insolvenza li jonqsu milli josservaw l-ordnijiet jew id-direzzjonijiet tal-awtorità kompetenti;

(k) li tagħti pariri, tagħmel rakkomandazzjonijiet jew b'xi mod ieħor tesprimi l-fehmiet tagħha lill-Ministru dwar kif il-proċeduri magħmula disponibbli skont l-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza, it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ, jew proċedimenti ta' insolvenza skont l-Att dwar il-Kumpaniji jew il-Kodiċi Ċivili kif applikabbli, jistgħu jitwettqu b'mod effiċjenti biex jgħaġġel it-trattament tal-proċeduri;

Attt Nru XXIV tal-2022.
Kap. 13.
Kap. 386.
Kap. 16.

(l) li tagħti pariri, jew tagħmel rakkomandazzjonijiet jew tesprimi l-fehmiet tagħha b'xort'oħra lill-Ministru dwar kwalunkwe kwistjoni oħra li dwarha l-Ministru għandu jikkonsulta mal-awtorità kompetenti, jew li dwarha l-awtorità kompetenti għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru, jew li dwarha jintalbu l-fehmiet tal-awtorità kompetenti mill-Ministru;

(m) biex tiffaċilita l-inklużjoni, bil-promozzjoni bi kwalunkwe mod li tista' tqis meħtieġ, l-użu ta' mezzi elettroniċi

ta' komunikazzjoni matul il-proċeduri skont l-artikolu 4(2), inkluż fir-rigward ta':

(i) il-preżentata ta' talbiet u applikazzjonijiet;

Att Nru XXIV tal-2022.

(ii) is-sottomissjoni ta' pjan ta' ristrutturar propost, skont l-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza, jew is-sottomissjoni tat-termini proposti fi ftehim ta' dejn jew ordni ta' falliment skont il-Kodiċi tal-Kummerċ;

Kap. 13.

(iii) in-notifiki lill-krediturі;

(iv) iż-żamma ta' seduti u laqgħat;

(v) votazzjoni f'kull seduta jew laqgħa bħal dawn; u

(vi) it-tressiq ta' kontestazzjonijiet, oġġezzjonijiet u appelli;

(n) li tinforma lil kwalunkwe awtorità li tqis xierqa dwar kwalunkwe sanzjoni jew restrizzjoni imposta minnha jew kwalunkwe kwistjonijiet oħrajn li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġa biex tipproteġi l-interess pubbliku, fuq kwalunkwe prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata;

(o) li tippubblika linji gwida dwar l-interpretazzjoni ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħtu, jekk u kif l-awtorità kompetenti tqis li jkun meħtieġ; u

(p) li tiġbor u taggrega d-data skont it-Taqsima VII ta' dan l-Att.

(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tippubblika rapporti annwali maħsuba biex jiġbru fil-qosor l-attivitajiet annwali tagħha u t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha matul is-sena rispettiva, li jkopru wkoll l-iżvilupp tar-rwol u l-funzjonijiet tal-prattikanti fl-insolvenza f'Malta, u biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-mekkaniżmi superviżorji u ta' sorveljanza attwali wżati mill-awtorità kompetenti, u affarijiet oħra li l-awtorità kompetenti tista' tqis relevanti.

Reġistru tal-prattikanti fl-insolvenza.

10. (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru pubbliku li għandu jkun magħruf bħala r-Reġistru tal-Prattikanti fl-Insolvenza, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Reġistru", li għandu jidentifika b'mod separat dan li ġej:

(a) il-prattikanti fl-insolvenza;

(b) id-ditti rreġistrati;

(ċ) kwalunkwe kategorizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' kull prattikant fl-insolvenza, u l-firxa tal-awtorizzazzjoni ta' kull prattikant fl-insolvenza u ditta rreġistrata;

(d) il-prattikanti fl-insolvenza li l-awtorizzazzjoni tagħhom tkun ġiet sospiża, revokata jew irtirata kompletament jew parzjalment b'referenza għal kwalunkwe kategorija ta' awtorizzazzjoni;

(e) id-ditti rreġistrati li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun ġiet sospiża, revokata jew irtirata kompletament jew parzjalment b'referenza għal kwalunkwe kategorija ta' awtorizzazzjoni; u

(f) il-prattikanti fl-insolvenza jew ditti rreġistrati li huma meqjusa mill-awtorità kompetenti li qed jonqsu mill-obbligi tagħhom skont dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu.

(2) Id-dettalji li għandhom jinżammu fir-Reġistru għandhom jinkludu d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem u l-kunjom, fil-każ ta' prattikant fl-insolvenza, jew l-isem u d-denominazzjoni tat-tip ta' entità ġuridika tad-ditta rreġistrata, fil-każ ta' ditta rreġistrata;

(b) l-indirizz tal-uffiċċju u l-indirizz tal-posta elettronika ta' kull prattikant fl-insolvenza u ditta rreġistrata; u

(ċ) fil-każ ta' ditta rreġistrata, lista tal-prattikanti fl-insolvenza u l-informazzjoni dwar il-prattikanti fl-insolvenza li jaħdmu jew għandhom konnessjoni ma' dik id-ditta rreġistrata skont il-paragrafu (a):

Iżda l-Ministru jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tal-awtorità kompetenti, jippreskrivi aktar dettalji li għandhom jinżammu fir-Reġistru.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tkun awtorizzata li tirċievi aktar informazzjoni mingħand il-prattikanti fl-insolvenza inkluż:

(a) id-data tat-twelid, u n-numru tal-karta tal-identità jew in-numru tal-passaport tal-prattikanti fl-insolvenza, u fil-każ ta' ditta rreġistrata n-numru tar-reġistrazzjoni tagħha, u l-informazzjoni skont dan l-artikolu ta' kull prattikant fl-insolvenza li jaħdmu jew għandhom konnessjoni ma' dik id-ditta rreġistrata;

(b) il-warrant jew in-numru tal-liċenzja tal-prattikanti fl-insolvenza.

(4) Kull prattikant fl-insolvenza u ditta rreġistrata għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti kwalunkwe informazzjoni meħtieġa skont dan l-artikolu, u għandu jaġġorna lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla mingħajr l-ebda dewmien u fl-ebda każ mhux aktar tard minn erbatax (14)-il ġurnata minn tali bidla.

(5) Kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-uffiċċju jew fl-indirizz tal-posta elettronika ta' prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata għandha ssir effettiva kontra l-awtorità kompetenti fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mill-jum meta tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-bidla.

Setgħat tal-awtorità kompetenti.

11. (1) L-awtorità kompetenti għandha jkollha s-setgħat superviżorji u investigattivi kollha li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att, inkluż iżda mhux limitat għas-setgħa:

(a) li titlob data, informazzjoni, jew dokumentazzjoni miżmuma minn kwalunkwe persuna fi kwalunkwe forma, kif jista' jkun relevanti għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-awtorità kompetenti u li tirċievi jew tieħu kopja tagħhom;

(b) li, bi kwalunkwe mod, tikseb informazzjoni relatata mat-twettiq, minn kwalunkwe persuna, ta' funzjonijiet li jappartjenu għal prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata;

(ċ) li twettaq spezzjonijiet fuq il-post tal-bini tax-xogħol tal-prattikanti fl-insolvenza jew tad-ditta rreġistrata;

(d) li taħtar esperti biex iwettqu verifiki jew investigazzjonijiet;

(e) li timponi l-penalitajiet amministrattivi, u l-miżuri oħra disponibbli għaliha skont l-artikolu 18; u

(f) li tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali:

Iżda li s-setgħat li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu jistgħu jiġu eżerċitati mill-awtorità kompetenti waħedha, jew b'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra, jew b'applikazzjoni lil kwalunkwe awtorità ġudizzjarja kompetenti.

(2) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha skont l-artikolu 9, l-awtorità kompetenti tista' tikkonsulta ma' dawk il-persuni li hija tqis

xierqa, u tista' wkoll taħtar kumitati, li l-president tagħhom għandu jkun membru tal-awtorità kompetenti, u b'hekk tistabbilixxi l-mandat u r-remunerazzjoni tagħhom, għat-twettiq ta' dawn l-istudji jew xogħol ieħor li l-awtorità kompetenti tista' tassenjalhom, inkluż iżda mhux limitat għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità.

(3) L-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tiskambja informazzjoni kunfidenzjali mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra.

(4) L-ipproċessar ta' data personali pproċessata fl-eżerċizzju tas-setgħat superviżorji u investigattivi skont dan l-artikolu għandu jitwettaq f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Kap. 586.

12. Il-Ministru jista', fuq rakkomandazzjoni tal-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti mhux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, biex jagħti effett aħjar lil kwalunkwe minn dawn id-dispożizzjonijiet u b'mod ġenerali biex jirregola r-rwol u l-funzjonijiet ta' prattikanti fl-insolvenza u ditti rreġistrati, u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tal-preċedenti, dawn ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari jinkludu dispożizzjonijiet fir-rigward tal-pieni jew il-penalitajiet amministrattivi li persuna tista' ssir responsabbli għalihom, jew konsegwenzi jew effetti oħra fil-każ ta' kwalunkwe ksur jew nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolament jew direttiva maħruġa taħtu. Regolamenti.

13. (1) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ direttivi jew linji gwida li jirregolaw l-attività ta' prattikanti fl-insolvenza jew ditti rreġistrati dwar dan li ġej: Direttivi.

(a) l-istabbiliment u t-tifsira ta' proċeduri, u proċeduri ġeneralment aċċettati u applikabbli fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2);

(b) kriterji għall-eliġibbiltà biex tirċievi awtorizzazzjoni skont dan l-Att u l-mod li bih l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-kompetenza tal-applikanti għal awtorizzazzjoni fl-oqsma pertinenti ta' għarfien espert;

(ċ) l-imġiba tal-prattikanti fl-insolvenza u d-ditti rreġistrati u l-istandards meħtieġa tal-kontroll tal-kwalità, il-

kompetenza, l-integrità u l-indipendenza;

(d) il-kontijiet tal-klijenti u l-flejjes miżmuma f'isem klijenti u partijiet terzi;

(e) edukazzjoni professjonali kontinwa;

(f) l-għoti ta' tali informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mill-prattikanti fl-insolvenza u mid-ditti rreġistrati mill-awtorità kompetenti sabiex tkun tista' twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att;

(g) l-istabbiliment ta' sistema ta' reġistrazzjoni u tiġdid għal awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni maħruġa skont dan l-Att;

(h) is-sens u l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħtu; jew

(i) dawk il-kwistjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu preskritti b'regolament.

(2) Id-Direttivi u l-linji gwida maħruġa skont is-subartikolu (1) għandhom jiġu ppubblikati mill-awtorità kompetenti b'tali mod li jiġi żgurat it-tixrid effettiv tagħhom.

(3) Direttivi u linji gwida maħruġa skont is-subartikolu (1) m'għandhomx isiru operattivi qabel ma tiskadi ġimgħa mill-pubblikazzjoni magħmula skont is-subartikolu (2), jew dik id-data aktar tard li tista' tkun speċifikata fih.

TAQSIMA IV
Imġiba tal-Prattikanti fl-Insolvenza

Id-dmir li tiġi pprovduta informazzjoni.

14. (1) Kull prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti b'dik l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ b'mod raġonevoli, jew kif jista' jkun preskritt f'direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti skont dan l-Att, u għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla relevanti fi kwalunkwe informazzjoni mogħtija lilha qabel fi żmien erbatax (14)-il ġurnata wara d-data li fiha sseħħ il-bidla.

(2) Fejn, matul investigazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti, prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata intenzjonalment ibiddlu, jaħbu jew jonqsu milli jiżvelaw, jew b'xi mod ieħor irażżnu l-informazzjoni relevanti għal investigazzjoni jew li l-awtorità kompetenti titlob li tara in segwitu għall-funzjonijiet tagħha skont l-artikolu 11, il-prattikant fl-insolvenza, jew il-prattikanti fl-

insolvenza li jkunu responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' ditta rreġistrata skont l-artikolu 4(2), għandhom, meta jinstabu ħatja, jeħlu terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux aktar minn sentejn (2), jew għal multa li ma teċċedix ħamsin elf euro (€50,000), jew kemm għal tali multa kif ukoll għal priġunerija.

Tneħħija jew riżenja ta' prattikant fl-insolvenza.

15. (1) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi oħra li tirregola t-tneħħija, ir-riżenja jew is-sostituzzjoni ta' prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata, prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata għandhom, f'każ ta' tneħħija jew riżenja tagħhom minn impenn biex iwettqu funzjoni elenkata fl-artikolu 4(2) matul il-perjodu tal-ħatra tagħhom, jinformaw lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwar tali tneħħija jew riżenja tagħhom, u għandhom, fil-każ ta' riżenja, jagħtu spjegazzjonijiet adegwati għar-raġunijiet għal dan.

(2) In-notifika msemmija fis-subartikolu (1) għandha ssir fi żmien erbatax (14)-il ġurnata mit-tneħħija jew mir-riżenja skont il-każ.

Ksur tad-dmir professjonali.

16. Kull persuna li taġixxi bi ksur tad-dmirijiet professjonali tagħha fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha bħala prattikant fl-insolvenza, għandha, jekk tali att jew ommissjoni tammonta għal negliġenza grossolana, *mala fede* jew kondotta ħażina serja, teħel meta tinstab ħatja għal terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sena (1) u li ma jeċċedix il-ħames (5) snin, u l-qorti tista' wkoll tagħti lil tali persuna multa li ma teċċedix is-sittin elf euro (€60,000).

Eżenzjoni mir-responsabbiltà.

17. Kwalunkwe ftehim jew arranġament li għandu l-intenzjoni li jeżenta prattikant fl-insolvenza jew ditta reġistrata minn kwalunkwe responsabbiltà, jew dmir relattiv għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet skont l-artikolu 4(2), ħlief taħt polza ta' assigurazzjoni biex jikkumpensa lill-prattikant fl-insolvenza kontra kwalunkwe responsabbiltà bħal din, għandu jkun null u bla effett.

Penalitajiet amministrattivi u miżuri oħra.

18. (1) Fil-każ ta' ksur ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħtu, l-awtorità kompetenti għandha jkollha s-setgħa li toħroġ penalitajiet amministrattivi u twissijiet, u li tieħu dawk il-miżuri l-oħra li hija tqis xierqa skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(2) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tieħu, jew timponi, mill-inqas il-penalitajiet amministrattivi u miżuri oħra li ġejjin għal ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regoli skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħtu:

(a) avviż li jirrikjedi li l-persuna responsabbli għall-ksur twaqqaf l-imġiba u tastjeni minn kwalunkwe repetizzjoni ta' dik l-imġiba, liema avviż għandu jiġi kkomunikat ukoll lil kwalunkwe awtorità regolatorja jew ta' sorveljanza oħra li tali

persuna tista' tkun soġġetta għar-regolamentazzjoni tagħha;

(b) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur, ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti;

(ċ) projbizzjoni temporanja, sa tul ta' tliet (3) snin, li tipprojbixxi lill-prattikant fl-insolvenza jew lid-ditta rreġistrata milli jaġixxu bħala prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2); u

(d) l-impożizzjoni ta' penalitajiet amministrattivi skont l-artikolu 9(1)(j).

(3) Meta tiddetermina t-tip u l-livell ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri oħra msemmija fis-subartikolu (2) jew mod ieħor skont dan l-Att, l-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċirkostanzi relevanti kollha, inkluż, mingħajr limitazzjoni:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli;

(ċ) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli, b'referenza għad-dħul annwali jew il-fatturat totali tiegħu, skont il-każ;

(d) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli mal-awtorità kompetenti; u

(e) il-ksur preċedenti mill-persuna ġuridika jew fiżika responsabbli.

Revoka, sospensjoni u kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

19. (1) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe penalitajiet amministrattivi jew miżuri oħra li jistgħu jiġu imposti skont l-artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista' tordna li awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni maħruġa skont dan l-Att tista' tiġi revokata, ikkanċellata, sospiża, jew soġġetta għal kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet oħra ordnati mill-awtorità kompetenti, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk il-persuna li lilha tkun inħarġet awtorizzazzjoni bħal din jew id-ditta reġistrata jew kwalunkwe mill-prinċipali tad-ditta reġistrata:

(a) instab, matul investigazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti, li aġixxa, inkluż permezz ta' ommissjonijiet, b':

(i) *mala fede,* kondotta ħażina serja jew negliġenza grossolana fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu

bħala prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata;

(ii) ksur ta' kwalunkwe regolament magħmul jew direttiva maħruġa skont dan l-Att, fejn ir-regolament jew id-direttiva jipprovdi għas-sospensjoni, il-kanċellazzjoni, l-irtirar jew is-soġġettar għal kondizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni bħala konsegwenza ta' tali ksur;

(iii) ksur ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi fir-rigward ta' standards, prattiki jew integrità professjonali;

(iv) ksur ta' kwalunkwe kodiċi ta' kondotta maħruġ jew adottat mill-awtorità kompetenti;

(v) manjiera gravi li tiskredita lill-prattikanti fl-insolvenza; jew

(vi) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe kondizzjoni mehmuża ma' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni meta tali nuqqas ikun ta' natura materjali;

(b) instab ħati minn qorti:

(i) ta' reat skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu;

(ii) ta' reat skont l-Att dwar il-Kumpaniji; jew Kap. 386.

(iii) ta' delitt li jaffettwa l-fiduċja pubblika jew tas-serq jew ta' frodi jew ta' riċeviment konxju ta' beni miksuba permezz ta' serq jew frodi jew ta' kwalunkwe delitt punibbli b'piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena (1).

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1):

(a) awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata jew ikkanċellata mill-awtorità kompetenti fuq talba tal-prattikant fl-insolvenza;

(b) ir-reġistrazzjoni ta' ditta reġistrata tista' tiġi kkanċellata mill-awtorità kompetenti fuq talba tad-ditta reġistrata;

(ċ) awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata jew ikkanċellata b'ordni tal-awtorità kompetenti, kull meta l-awtorità kompetenti

tkun tal-opinjoni li hemm ċirkostanzi materjali li jikkonċernaw il-prattikant fl-insolvenza li, kieku l-awtorizzazzjoni ma tkunx inħarġet, jiskwalifika lil tali persuna milli tkun eliġibbli skont l-artikolu 3; u

(d) ir-reġistrazzjoni ta' ditta reġistrata tista' tiġi revokata jew ikkanċellata b'ordni tal-awtorità kompetenti kull meta l-awtorità kompetenti tkun tal-opinjoni li hemm ċirkostanzi materjali li jikkonċernaw id-ditta rreġistrata li, kieku d-ditta rreġistrata ma kienitx irreġistrata, jiskwalifikaha milli tiġi rreġistrata.

(3) Fejn awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni tiġi sospiża għal xi żmien jew soġġetta għal kondizzjonijiet, is-sospensjoni jew il-kondizzjonijiet jistgħu jitneħħew mill-awtorità kompetenti fi kwalunkwe ħin.

(4) Fejn awtorizzazzjoni tiġi rtirata skont is-subartikolu (2)(a), jew fejn reġistrazzjoni tiġi kkanċellata taħt is-subartikolu (2)(b), tista' tinħareġ awtorizzazzjoni ġdida, jew tista' ssir reġistrazzjoni ġdida, fi kwalunkwe ħin jekk il-kondizzjonijiet għal tali ħruġ jew reġistrazzjoni huma sodisfatti.

(5) Mar-revoka jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni maħruġa taħt dan l-Att, jew matul dak il-perjodu li fih l-awtorizzazzjoni tkun sospiża, il-persuna li lilha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tkun awtorizzata li twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2), u mal-kanċellazzjoni ta' kwalunkwe reġistrazzjoni ta' ditta rreġistrata, jew għal dak il-perjodu li fih tali reġistrazzjoni tiġi sospiża, id-ditta għandha tieqaf milli tkun rreġistrata.

TAQSIMA V
Appell

Appelli.

20. (1) Għandu jkun hemm dritt ta' appell quddiem it-Tribunal dwar kwalunkwe deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti kif elenkati fl-artikolu 21(1), liema dritt għandu jkun kompetenti għal kwalunkwe persuna leża bid-deċiżjoni:

Iżda, fi kwalunkwe każ, persuna li tagħmel appell quddiem it-Tribunal għandha tispjega wkoll l-interess ġuridiku tagħha li tikkontesta d-deċiżjoni appellata.

Kap. 490.

(2) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, appell mid-deċiżjonijiet jew l-ordnijiet imsemmija fl-artikolu 21(1) għandu jsir permezz ta' rikors u għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru tat-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tad-

deċiżjoni imsemmija.

Deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti li minnhom jista' jsir appell.

21. (1) Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor mil-liġi, għandu jkun hemm appell quddiem it-Tribunal mid-deċiżjonijiet jew l-ordnijiet li ġejjin li jsiru taħt dan l-Att:

(a) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti in segwitu għal ħruġ ta' awtorizzazzjoni skont l-artikolu 4;

(b) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirrevoka, tirtira jew tissospendi awtorizzazzjoni, jew li tissoġġetta tali awtorizzazzjoni għal kondizzjonijiet oħra skont l-artikolu 19;

(ċ) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirrifjuta li tirreġistra ditta skont l-artikolu 6;

(d) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirrevoka, tissospendi, tħassar jew tkun soġġetta għal kondizzjonijiet oħra r-reġistrazzjoni ta' ditta rreġistrata skont l-artikolu 19;

(e) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tillibera jew li tiġi deċiża kontra prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata f'każijiet ta' kondotta professjonali ħażina, wara investigazzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti;

(f) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti in segwitu għal miżura meħuda biex tipproteġi l-interess pubbliku u l-integrità tar-rwol tal-prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 9(1)(j);

(g) kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li timponi penalitajiet amministrattivi jew ċanfiri jew miżuri oħra skont dan l-Att;

(h) kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'termini ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħt dan l-Att, meta r-regolament jew id-direttiva espliċitament tagħti dritt ta' appell skont dan l-artikolu; u

(i) kwalunkwe deċiżjoni oħra tal-awtorità kompetenti li l-appellant jista' juri b'mod raġonevoli, għas-sodisfazzjon tat-Tribunal, li materjalment u inġustament aggravat lill-appellant.

(2) Id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti m'għandhiex tiġi sospiża sakemm isir appell, u għandha, sadanittant, tiġi rispettata mill-partijiet kollha li għalihom tapplika d-deċiżjoni.

(3) It-Tribunal, fejn iqis li jkun xieraq, jista', fuq rikors ta' parti fl-appell, jissospendi d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, sakemm jiġi deċiż b'mod definittiv l-appell. It-Tribunal, meta jiddeċiedi li jissospendi d-deċiżjoni, għandu jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għal dan.

Dispożizzjonijiet ġenerali relatati ma' reati.

22. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jistabbilixxu reati u pieni fir-rigward tagħhom ma għandhomx jaffettwaw l-operat ta' kwalunkwe liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni fir-rigward tal-istess atti jew ommissjonijiet u m'għandhomx, b'mod partikolari, jaffettwaw l-applikazzjoni ta' kwalunkwe kastiġi ogħla taħt kwalunkwe liġi oħra.

(2) Kwalunkwe azzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' kondotta professjonali ħażina jew proċeduri oħra in segwitu għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri li jistgħu jittieħedu kontra l-persuna kkonċernata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kwalunkwe liġi oħra, u kwalunkwe proċeduri li jittieħdu b'dan il-mod għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri li jistgħu jittieħdu mill-awtorità kompetenti.

Kap. 9.

TAQSIMA VI
Dixxiplina

Żvelar ta' miżuri u deċiżjonijiet.

23. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżvela lill-pubbliku b'mod xieraq il-miżuri kollha meħuda u l-penalitajiet amministrattivi imposti fuq il-prattikanti fl-insolvenza jew id-ditti rreġistrati skont dan l-Att jew ir-regolamenti jew id-direttivi maħruġa taħtu inkluż l-iżvelar xieraq tal-penalitajiet amministrattivi imposti. L-iżvelar meħtieġ minn dan l-artikolu jista' jsir permezz ta' sit elettroniku miżmum mill-awtorità kompetenti, jew permezz tar-Reġistru stabbilit skont l-artikolu 10.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika, bil-posta reġistrata, jew bil-posta elettronika kwalunkwe deċiżjoni meħuda minnha, li minnha għandu jkun hemm id-dritt ta' appell skont l-artikolu 21, lil kwalunkwe persuna li għaliha tapplika din id-deċiżjoni:

Iżda fil-każ li l-persuna li għaliha tapplika tali deċiżjoni ma tkunx tista' tintlaħaq jew tinstab, il-persuna għandha titqies li ġiet innotifikata validament billi titħalla kopja ta' tali deċiżjoni fl-indirizz tal-uffiċċju, il-post tan-negozju, jew il-post tax-xogħol ta' tali persuna, jew ma' persuna fis-servizz tagħha, jew mal-avukat tagħha jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta tagħha, jew permezz ta' avviż ippubblikat fis-sit elettroniku miżmum mill-awtorità kompetenti.

Pubblikazzjoni ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri oħra.

24. (1) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha tal-anqas kwalunkwe penalitajiet amministrattivi jew miżuri oħra imposti għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew tad-direttivi jew ir-regolamenti magħmula taħtu, li fir-rigward tagħhom id-drittijiet kollha tal-appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew, hekk kif raġonevolment prattikabbli minnufih wara li l-persuna kkonċernata tkun ġiet informata b'dik id-deċiżjoni, inkluża informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuna li fuqha tkun ġiet imposta l-penali amministrattiva jew miżura oħra.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha l-penalitajiet amministrattivi jew miżuri oħra imposti fuq bażi anonima, u b'mod li jkun konformi mal-liġi Maltija, fi kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn, penali amministrattiva jew miżura oħra tiġi imposta fuq persuna fiżika, u jintwera permezz ta' eżami obbligatorju li jkun sar qabel li l-proporzjonalità ta' tali pubblikazzjoni ta' data personali meħtieġa, hija sproporzjonata;

(b) fejn il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja; jew

(ċ) fejn il-pubblikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-istituzzjonijiet jew lill-individwi involuti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li kwalunkwe pubblikazzjoni skont is-subartikolu (1) tkun ta' tul ta' żmien proporzjonat u li tibqa' fuq is-sit elettroniku tagħha għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin wara li d-drittijiet kollha ta' appell ikunu ġew eżawriti jew ikunu skadew.

Rappurtar ta' ksur.

25. (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi mekkaniżmi effettivi li jinkoraġġixxu r-rappurtar ta' ksur ta' dan l-Att, jew tar-regolamenti jew id-direttivi magħmula taħtu.

(2) Il-mekkaniżmi msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jinkludu mill-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi biex tirċievi rapporti ta' ksur u s-segwitu tagħhom;

(b) il-protezzjoni tad-data personali li tikkonċerna kemm il-persuna li tirrapporta l-ksur issuspettat jew reali kif ukoll il-persuna li hija suspettata li wettqet, jew li allegatament wettqet dak il-ksur, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament (UE) 2016/

Kap. 586.

679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data); u

(ċ) proċeduri xierqa biex jiġi żgurat id-dritt tal-persuna akkużata għal difiża u li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċernaha, u d-dritt li tfittex rimedju effettiv quddiem tribunal kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li tikkonċernaha.

(3) Id-ditti rreġistrati għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa għall-impjegati tagħhom biex jirrapportaw ksur potenzjali jew reali ta' dan l-Att, jew tar-regolamenti jew id-direttivi magħmula taħtu permezz ta' mezz jew mezzi speċifiċi.

TAQSIMA VII
Ġbir ta' Data

Ġbir ta' data.

26. (1) L-awtorità kompetenti għandha tkun responsabbli li tiġbor u taggrega, fuq bażi annwali, data nazzjonali dwar proċeduri li jikkonċernaw:

Att Nru XXIV tal-2022.

(a) rikorsi għal proċedura ta' ristrutturar preventiv skont tal-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza;

Kap. 13.

(b) rikorsi għal dikjarazzjoni ta' falliment u ħelsien mid-dejn skont it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ; u

Kap. 386.

Kap. 16.

(ċ) rikorsi għal stralċ minħabba insolvenza, minn kumpaniji jew sħubijiet kummerċjali skont l-Att dwar il-Kumpaniji jew minn organizzazzjonijiet legali skont il-Kodiċi Ċivili.

(2) It-tip ta' informazzjoni li għandha tinġabar mill-awtorità kompetenti għandha tiġi magħżula fir-rigward ta' kull proċedura elenkata fis-subartikolu (1), u għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata:

(a) għall-għadd ta' proċeduri li sar rikors għalihom jew ġew miftuħa, u ta' proċeduri li huma pendenti jew ingħalqu;

(b) għat-tul medju tal-proċeduri mill-preżentata tar-rikors promotur, jew mill-ftuħ sal-għeluq tagħhom;

Att Nru XXIV tal-2022.

(ċ) għall-għadd ta' rikorsi għal proċeduri ta' ristrutturar preventiv skont l-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza li ġew

iddikjarati inammissibbli, ġew irrifjutati jew ġew irtirati qabel ma nħarġet ordni ta' ristrutturar preventiv f'termini tagħhom; u

(d) għall-għadd ta' proċeduri minbarra dawk meħtieġa taħt il-paragrafu (ċ), imqassma skont l-eżitu tal-proċeduri rispettivi.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tqassam kwalunkwe data li għandha tinġabar u tiġi aggregata skont is-subartikolu (2)(a), (b) u (d), b'referenza għal:

(a) id-daqs tad-debituri, li mhumiex persuni fiżiċi;

(b) jekk id-debituri soġġetti għal proċeduri li jikkonċernaw proċeduri ta' ristrutturar preventiv skont l-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza**,** jew proċeduri ta' insolvenza a tenur tal-Att dwar il-Kumpaniji jew il-Kodiċi Ċivili kif applikabbli, humiex persuni fiżiċi jew ġuridiċi; u

Att Nru XXIV tal-2022.

Kap. 386.
Kap. 16.

(ċ) jekk il-proċeduri li jwasslu għal-ħelsien mid-dejn skont it-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ jikkonċernawx biss persuni fiżiċi fil-kors ta' kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni, jew il-persuni fiżiċi kollha.

Kap. 13.

(4) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tiġbor u taggrega, fuq bażi annwali, data dwar l-għadd ta' debituri li kienu soġġetti għal proċeduri ta' ristrutturar preventiv a tenur tal-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza, jew proċeduri ta' insolvenza, u li, fit-tliet (3) snin qabel il-preżentata tar-rikors jew il-ftuħ ta' tali proċeduri, kellhom pjan ta' ristrutturar ikkonfermat skont l-Att tal-2022 ta' Qabel l-Insolvenza.

Att Nru XXIV tal-2022.

Att Nru XXIV tal-2022.

(5) Kwalunkwe data li għandha tinġabar u tiġi aggregata skont dan l-artikolu għandha tiġi kkompilata għas-snin kalendarji sħaħ li jintemmu fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena, li jibdew mill-ewwel (1) sena kalendarja sħiħa wara d-data tal-applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 29(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza).

(6) Il-Ministru jista', filwaqt li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-awtorità kompetenti, jagħmel regolamenti li jistgħu jwasslu għat-twettiq tal-Artikolu 29(7) tad-Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri

sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza).

(7) Kull prattikant fl-insolvenza jew ditta rreġistrata għandhom ikunu meħtieġa jżommu rekord tad-data stabbilita skont dan l-artikolu, fir-rigward tal-funzjonijiet tagħhom stess, u l-awtorità kompetenti tista', fid-diskrezzjoni tagħha stess, titlob il-forniment ta' tali data mill-prattikant fl-insolvenza jew mid-ditta rreġistrata f'mhux inqas minn erbatax (14)-il ġurnata mid-data ta' tali talba.

(8) Meta l-awtorità kompetenti titlob lil xi persuna, korp jew awtorità kompetenti relevanti sabiex jipprovdi jew tipprovdi informazzjoni li hija materjalment neċessarja fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' ġbir ta' data tal-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu, dik il-persuna, korp jew awtorità kompetenti relevanti sa fejn huwa permess, għandha jew għandu jipprovdi jew tipprovdi mingħajr dewmien bla bżonn dik l-informazzjoni mitluba lill-awtorità kompetenti;

(9) Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li jimponu fuqha obbligu li tiġbor, taggrega, taħżen jew tqassam data, jew li tikkomunika dik id-data lill-awtorità kompetenti, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel meta tinsab ħatja għal kull reat, fir-rigward tal-ewwel reat, għal multa li ma teċċedix l-elf u mitejn euro (€1,200) u fir-rigward tat-tieni reat jew reat sussegwenti għal multa li ma teċċedix is-sitt elef euro (€6,000), u fil-każ ta' reat kontinwu għal multa addizzjonali li ma teċċedix il-mija u għoxrin (€120) għal kull ġurnata li fiha r-reat ikompli.

TAQSIMA VIII
Mixxellanji

Esklużjoni tar-responsabbiltà.

27. (1) L-awtorità kompetenti, meta taġixxi fi kwalunkwe funzjoni assenjata lilha taħt kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att, inklużi l-uffiċjali u l-impjegati tal-awtorità kompetenti, u kwalunkwe korp stabbilit b'dan l-Att u kwalunkwe membru, uffiċjal jew impjegat ta' dak il-korp, u kwalunkwe persuna oħra maħtura biex twettaq funzjoni f'isem l-awtorità kompetenti taħt dan l-Att, ma għandhiex tkun responsabbli għad-danni għal kwalunkwe ħaġa li saret jew naqset milli ssir fil-qadi, jew fil-qadi intiż ta' kwalunkwe funzjoni bħal din jew b'xi mod ieħor fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Att, sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jintweriex li sar jew li naqas milli jsir, skont kif ikun il-każ, permezz ta' kondotta ħażina intenzjonata.

(2) L-ebda deċiżjoni tal-awtorità kompetenti meħuda skont dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu ma tista' tiġi sospiża bl-użu tal-mandat ta' inibizzjoni, ħlief sal-punt li tali deċiżjoni tikser dritt fundamentali tal-bniedem tal-applikant kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta jew mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Kap. 319.

28. Avviż jew dokument ieħor li għandu jingħata jew jiġi nnotifikat taħt dan l-Att, jew kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu, għandhom jitqiesu li ngħataw jew ġew innotifikati kif xieraq lil persuna jekk, u fil: Avviżi.

(a) ġurnata li tkun ġiet imqassma personalment lil din il-persuna;

(b) ġurnata li jkun tħalla fl-indirizz ipprovdut minnha lill-awtorità kompetenti, jew fl-aħħar indirizz magħruf tal-persuna;

(ċ) ġurnata li jmiss wara li tkun intbagħtet lilha bil-posta fi kwalunkwe mill-indirizzi msemmija qabel jew bil-posta elettronika; jew

(d) ġurnata kif preskritt fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) lil jew fuq segretarju, skrivan, maniġer jew l-ekwivalenti tagħhom, jew lil kwalunkwe prinċipal, fil-konfront ta' ditta reġistrata:

Iżda ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti li jiċċertifika li hija bagħtet l-avviż jew dokument ieħor li għandu jingħata jew jiġi nnotifikat taħt dan l-Att, jew kwalunkwe regolamenti jew direttivi magħmula taħtu, f'data partikolari għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu.

TAQSIMA IX
Dispożizzjonijiet Transitorji

29. (1) Kwalunkwe persuna li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, hija awtorizzata li teżerċita l-professjoni ta' avukat, accountant jew awditur, u li ġiet maħtura bħala amministratur proviżorju, likwidatur, jew kontrollur speċjali skont is-sens tal-Att dwar il-Kumpaniji, jew kienet b'mod ieħor serviet bħala espert jew ipprattikat bħala, avukat fi ħdan il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), jew il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-liġi tal-kummerċ jew każijiet relatati mal-liġi marittima fil-ħames (5) snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jew b'mod ieħor tagħti prova għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li għandha esperjenza adegwata ta' qabel l-insolvenza, ir-ristrutturar korporattiv, il-finanzjament tan-negozju, jew il-likwidazzjoni, tista' tapplika għand l-awtorità kompetenti biex tirċievi Dispożizzjonijiet transitorji. Kap. 386.

awtorizzazzjoni proviżorja biex twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2).

(2) Applikant għandu jehmeż mal-applikazzjoni kwalunkwe dokumentazzjoni jew informazzjoni li l-awtorità kompetenti tista' tqis relevanti, u għandu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li l-awtorità kompetenti tista' titlob sussegwentement.

(3) L-awtorità kompetenti għandha, jekk tkun sodisfatta li l-applikant skont is-subartikolu (1) għandu l-għarfien, il-kompetenza, l-esperjenza u r-riżorsi meħtieġa kif tista' tikkonsidra xierqa sabiex twettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza, toħroġ lill-applikant awtorizzazzjoni proviżorja li għandha tagħti d-dritt lir-reċipjent li jwettaq il-funzjonijiet ta' prattikant fl-insolvenza skont l-artikolu 4(2), u, dment li jeżistu l-kondizzjonijiet fl-artikolu 6, biex jaġixxi bħala l-prinċipal għal ditta rreġistrata.

(4) Kwalunkwe persuna li qed tiġi awtorizzata proviżorjament skont dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għall-iskop sħiħ u għall-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u l-awtorità kompetenti għandha taġixxi fir-rigward tagħha daqslikieku kienet prattikant fl-insolvenza u mod ieħor a tenur ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti jew direttivi maħruġa taħtu.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorizzazzjonijiet proviżorji kollha mogħtija skont dan l-artikolu, irrispettivament mid-data tal-ħruġ tagħhom, għandhom jiskadu fi żmien erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 70 tal-14 ta' Diċembru, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati